MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2019

Rikors Maħluf Numru 451/15 LM

**Emmanuel Camilleri (K.I. 454959M)**

***vs.***

**Untours Insurance Agents Limited**
**bħala aġent tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company; u**
**VZ Lines Limited (C 43513); u**
**KoptaCo Coaches Co-Op Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' Mejju, 2015, mill-attur **Emmanuel Camilleri** (K.I. 454959M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-8 ta' Mejju, 2013 seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq G. Stivala, in-Naxxar meta waqt li Ellal El Geyouzi kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta'*

*reġistrazzjoni LCY 951, appartenenti lis-soċjetà intimata VZ Lines Limited u fdata f'idejn is-soċjetà intimata KopTaCo Coaches Co-Op Limited, liema vettura kienet assikurata mas-soċjetà intimata Untours Insurance Agents Limited bħala aġent tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company, ħabat mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAN 460, appartenenti lill-esponent u misjuqa minn Raymond Bonanno;*

2. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponent ġarrab danni fl-ammont komplessiv ta' wieħed u ħamsin elf, erba' mija u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€51,450.68);*

3. *Illi għal dan l-inċident kienu jaħtu unikament is-sewwieq Ellal El Geyouzi flimkien mas-soċjetajiet intimati VZ Lines Limited u KopTaCo Coaches Co-Op Limited, jew min minnhom, minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, l-imsemmija soċjetajiet intimati flimkien mas-soċjetà intimata Untours Insurance Agents Limited bħala aġent tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company, jew min minnhom, kienu unikament responsabbli għad-danni subiti mill-esponent riżultat tal-inċident in diżamina;*

4. *Illi minkejja li l-intimati kienu interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni tal-esponent permezz ta' ittra uffiċjali tad-9 ta' April, 2015, debitament notifikata lill-istess, huma baqgħu inadempjenti.*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn ir-rikorrent qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet kollha premessi:*

1. *Tiddikjara li Ellal El Geyouzi flimkien mas-soċjetajiet intimati VZ Lines Limited u KopTaCo Coaches Co-Op Limited, jew min minnhom, unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt;*

2. *Tiddikjara lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, unikament responsabbli għad-danni kollha u li bħala konsegwenza tal-inċident in diżamina ġarrab ir-rikorrent;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont komplessiv ta' wieħed u ħamsin elf, erba' mija u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€51,450.68), occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' wieħed u ħamsin elf, erba' mija u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€51,450.68) hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' April, 2015, bl-imgħax legali b'effett mil-lum kontra l-istess intimati, jew min minnhom, sad-data tal-effettiv pagament, liema intimati huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Untours Insurance Agents Limited bħala aġent tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company** (C 5655), li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Ġunju 2015, u maħlufa minn Ivan Buttigieg (K.I. 149480M), li biha eċċepiet:

1. *Illi r-responsabbilità tas-soċjetà Untours Insurance Agents Limited għal Qatar Insurance Company għall-akkadut mertu ta' dan ir-rikors hija kontestata stante illi fil-mument tal-inċident il-vettura assikurata minnha kienet qed tinstaq bi ħsarat serji li kienu a konoxxenza tal-assikurat;*

2. *Konsegwentement il-vettura de quo fil-mument tal-inċident kienet qed tinstaq lil hinn mill-polza u għalhekk l-eċċipjent għandu jkollu dritt ta' rivalza kontra l-assikurat tiegħu fil-konfront ta' kull ammont li jista' jkun talvolta dikjarat bħala dovut mill-eċċipjent skont il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **VZ Lines Limited** (C 43543), li ġiet ippreżentata fit-8 ta' Jannar 2016, u maħlufa minn Kevin Vella (K.I. 282279M), direttur tal-istess, li biha eċċepiet:

*Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimata u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi fuq bażi preliminari, il-kumpannija intimata mhix il-leġittima kontradittriċi stante li hi biss sid il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCY 951 u għalhekk għandha tiġi estromessa mill-proċeduri odjerni;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess iżda wkoll fuq bażi preliminari, l-ewwel talba tar-rikorrent ma tista' qatt tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti, stante li permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab dikjarazzjoni ta' responsabbilità ta' Ellal El Geyouzi, is-sewwieq tal-vettura surriferita, li mhux parti mill-kawża odjerna;*

3. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu, l-intimata ma kkawżat l-ebda danni lir-rikorrent;*
4. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu, il-kumpannija intimata qua sid il-vettura surriferita żammet il-vettura surriferita li kienet involuta fl-inċident li seħħ fit-8 ta' Mejju, 2013 fi stat ta' manutenzjoni tajjeb u mhix ħatja tal-ebda imprudenza, imperizja u/jew negliġenza;*
5. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent irid iġib prova tad-danni allegatament sofferti minnu;*
6. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **KopTaCo Coaches Co-Op Limited** (Kooperattiva numru 45), li ġiet ippreżentata fit-8 ta' Jannar, 2016 u maħlufa minn Francis Galea (ID 1065M) fil-vesti tiegħu ta' president tal-kooperattiva kif ukoll Kevin Vella (K.I. 282279M) fil-vesti tiegħu ta' segretarju tal-kooperattiva, li biha eċċepiet:

*Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimata u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi fuq bażi preliminari, il-kooperattiva intimata mhix il-leġittima kontradittriċi stante li r-rwol tagħha fl-inċident awtomobilistiku in kwistjoni kien biss li tassenja u tikkoordina l-vjaġġi li jsiru bejn is-sidien tal-vetturi relattivi u s-sewwieqa tal-istess vetturi u għalhekk għandha tiġi estromessa mill-proċeduri odjerni;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess iżda wkoll fuq bażi preliminari, l-ewwel talba tar-rikorrent ma tista' qatt tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti, stante li permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab dikjarazzjoni ta' responsabbilità ta' Ellal El Gayouzi, is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCY 951, li mhux parti mill-kawża odjerna;*
3. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu, il-kooperattiva intimata ma kkawżat l-ebda danni lir-rikorrent;*
4. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu, il-kooperattiva intimata esegwiet ir-rwol tagħha bħala bonus paterfamilias u mhix ħatja tal-ebda imprudenza, imperizja u / jew negliġenza fl-inċident odjern;*
5. *Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent irid iġib prova tad-danni allegatament sofferti minnu;*

6. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' April, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna ġiet istitwita mill-attur, sid ta' trakk li kien qiegħed jinstaq minn impjegat tiegħu, u li kien involut f'ħabta ma' *coach* fi Triq G. Stivala in-Naxxar, liema *coach* hija proprjetà ta' VZ Lines Limited u fiż-żmien tal-inċident kienet fdata lil KopTaCo Coaches Co-Op Limited sabiex tintuża għal servizzi ta' trasport. Il-*coach* inkwistjoni fil-ħin tal-inċident kienet qiegħda tinstaq minn Ellal El Gayouzi, li dak il-ħin kien qiegħed iwassal numru ta' tfal tal-iskola lura lejn djarhom. Jidher li għal xi raġuni hekk kif qabad in-niżla tat-triq inkwistjoni, is-sewwieq tal-*coach* induna li kienet marritlu s-sistema tal-brejkijiet, bir-riżultat li l-għażla li kellu quddiemu dak il-ħin kienet li jew jipprova jdaħħal il-*coach* f'ħajt mal-ġenb tat-triq li kien kollu blat imqabbeż 'il barra, bil-konsegwenza li t-tfal li kienu rekbin fil-*coach* iweġġgħu serjament, jew inkella

li jibqa' dieħel fit-trakk sabiex b'hekk iwaqqaf il-*momentum* li kienet qabdet il-*coach.* L-attur qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni materjali li sofra minħabba l-ħsara fit-trakk tiegħu, liema ħsara tammonta għal €51,450.68. Permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li għal dan l-inċident u għad-danni subiti mill-attur huma responsabbli s-sewwieq Ellal El Geyouzi, flimkien ma' VZ Lines Limited u KopTaCo Coaches Co-Op Limited, jew min minnhom, li wrew imprudenza, negliġenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku bi ksur tal-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili.

Is-soċjetà konvenuta Untours Insurance Agents Limited qiegħda tikkontesta r-responsabbilità tagħha għall-akkadut minħabba li skont hi l-*coach* inkwistjoni kienet qiegħda tinstaq bi ħsarat serji li wasslu għall-inċident inkwistjoni, u li għalhekk il-vettura inkwistjoni kienet qiegħda tinstaq bi ksur tal-polza tal-assigurazzjoni.

Is-soċjetà VZ Lines Limited eċċepiet li mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri minħabba li hi biss is-sid tal-*coach* inkwistjoni, u l-persuna responsabbli mis-sewqan tal-*coach* inkwistjoni fil-ħin tal-inċident kien Ellal El Geyouzi, li mhuwiex parti fil-kawża. Ġie eċċepit ukoll li ma kinitx hi li kkawżat id-danni subiti mill-attur, u li hi, qua sid tal-vettura inkwistjoni żammet il-vettura fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u għalhekk ma tistax titqies li hija ħatja ta' imprudenza, imperizja u/jew negliġenza.

Il-konvenuta KopTaCo Coaches Co-Op Limited Limited wieġbet li f'dan il-każ ir-rwol tagħha kien limitat sa fejn kellha tassenja u tikkoordina l-vjaġġi bejn is-sidien tal-vetturi u s-sewwieqa tagħhom. Ġie eċċepit ukoll li l-persuna

responsabbli għall-inċident kien is-sewwieq tal-vettura u li l-kooperattiva *per se* ma kkawżat l-ebda danni lill-attur.

**Provi u riżultanzi**

Fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju, 2016 xehed **Vincent Ciliberti**[1], li kien nominat bħala espert fl-inkjesta maġisterjali li saret b'rabta mal-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li hu ġie maħtur sabiex jaċċedi fuq il-post, jieħu ritratti, jagħmel pjanta ta' kif seħħ l-inċident, u jisma' xi xhieda. Ix-xhud qal li minn dak li seta' jikkonstata wara li sema' lis-sewwieq tal-*coach,* irriżultalu li l-*coach* kellha l-*handbrake* u l-brejkijiet ma jaħdmux, u s-sewwieq tagħha tilef il-kontroll waqt is-sewqan, wara li pprova jagħfas il-brejk u dan ma rrispondiex. Jidher li biex jevita li jidħol f'ħajt, bir-riżultat li jinkiser il-ħġieġ tal-*coach* u jweġġgħu t-tfal, ix-xufier baqa' dieħel fi trakk. Ix-xhud spjega li t-trakk kien tiela' t-telgħa u kien għaddej mill-karreġġjata proprja tiegħu.

Ix-xhud ippreżenta kopja tar-relazzjoni li ħejja fl-atti tal-inkjesta fir-rigward ta' dan l-inċident stradali[2], fejn ġie kkonstatat li l-inċident inkwistjoni seħħ l-Erbgħa 8 ta' Mejju, 2013 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar, bejn *coach* li fiha kien hemm rekbin numru ta' studenti, li kienet nieżla fi Triq G. Stivala, in-Naxxar, fid-direzzjoni taċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, u trakk kbir li ma kienx mgħobbi, li kien tiela' minn Triq G. Stivala. Il-vetturi ħabtu ma' xulxin, u apparti l-ħsara sostnuta mill-vetturi involuti direttament f'din il-ħabta, kien hemm *mini-van* qiegħed jinstaq wara t-trakk li wkoll ġarrab ħsarat

[1] *A fol.* 40 tal-proċess.
[2] *A fol.* 44 tal-proċess.

konsiderevoli, filwaqt li weġġgħu wkoll għadd ta' studenti. Waqt l-inċident, ix-xufier tal-*coach* weġġa' gravament u ttieħed l-Isptar ftit wara. L-espert ikkonstatata li waqt l-inċident il-*coach* kienet qiegħda tinstaq minn Ellal El Gayouzi, filwaqt li kienet irreġistrata f'isem Josephine Attard, kien inxtara minn VZ Lines Limited, filwaqt li l-operat tagħha sa fejn jidħlu rotot u sewwieqa kien fdat lil KopTaCo Coaches Co-Op Limited. It-trakk involut fl-inċident kien qiegħed jinstaq minn Raymond Bonanno, għalkemm irriżulta li huwa proprjetà tal-attur, Emmanuel Camilleri. L-espert Vincent Ciliberti kkonstatata, anki wara li tkellem mas-sewwieq tal-*coach,* li waqt li dan kien nieżel minn Triq G. Stivala, hu seta' josserva t-trakk tiela' 'l fuq, għafas il-pedala tal-brejk u qata' l-ingranaġġ sabiex it-trakk ikun jista' jgħaddi, u ġibed il-*handbrake,* għalkemm imbagħad reġa' ħall il-*handbrake* u ħalla l-*coach* tinżel *free* sabiex ikun jista' jagħfas mal-ħajt ħalli jkun jista' jgħaddi t-trakk. Iżda fil-ħin li għafas il-pedala tal-*brake* sab li la l-*brake* u lanqas il-*handbrake* ma rabtu, u għalhekk il-*coach* qabdet in-niżla waħedha. Mix-xhieda li sema' l-espert, irriżulta li ftit qabel l-inċident, kienu saru xi tiswijiet fuq il-*coach,* u kienet saret tiswija direttament fuq id-dijaframma tal-vettura. L-espert Vincent Ciliberti kkonkluda li kienet proprju l-*coach* li kkaġunat l-inċident inkwistjoni, u dan wara li x-xufier tagħha tilef il-kontroll, u f'tentattiv biex ma jweġġgħux l-istudenti li kienu passiġġieri fil-*coach* billi jkaxkar il-*coach* ma' ħajt fil-ġenb, li kien kollu blat imqabbeż għal fuq it-triq, għażel minflok li jidħol fit-trakk.

Fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju, 2016 xehed **l-Ispettur Josric Mifsud**[3], li qal li hu kien mar fuq il-post fejn seħħ l-inċident inkwistjoni ftit wara li l-Pulizija rċeviet

[3] *A fol.* 90 tal-proċess.

l-informazzjoni dwar x'kien ġara. Qal li meta l-Pulizija rnexxielha tkellem lix-xufier tal-*coach,* dan kien qalilhom li hu kien nieżel bil-*coach* bit-tfal rekbin bħala passiġġieri minn ħdejn l-MCAST tan-Naxxar, meta għafas il-brejkijiet u ma sab xejn, u biex jevita li jweġġgħu t-tfal, baqa' dieħel fit-trakk bir-riżultat li weġġa' hu. Qal li s-sewwieq tal-*coach* għamel din il-manuvra sabiex jevita li jħaxken il-*coach* ma' ħajt kollu ponot, għaliex li kieku għamel hekk l-istudenti li kienu rekbin bħala passiġġieri kienu jweġġgħu ferm aktar. Biex jevita dan is-sinistru, is-sewwieq tal-*coach* għafas lejn in-nofs tat-triq. Ix-xhud qal li s-sewwieq tat-trakk kien jidher li kien tiela' mill-karreġġjata tiegħu. Ix-xhud qal ukoll li s-sewwieq tal-*coach* kien ikkonferma li l-vettura kienet għadha kemm ittieħdet għal tiswijiet mekkaniċi. Ix-xhud qal li minħabba li kien hemm diversi studenti mweġġgħin, kienet saret inkjesta maġisterjali fir-rigward ta' dan l-inċident. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-*coach* inkwistjoni kienet inżammet fil-*compound* li l-Pulizija għandha f'Pembroke, sabiex ikunu jistgħu jsiru aktar investigazzjonijiet fuqha. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rappport tal-Pulizija li sar fir-rigward tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.[4]

Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2017 xehed **Raymond Bonanno**[5], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien qiegħed isuq it-trakk tal-attur. Spjega li hu impjegat mal-attur u dakinhar tal-inċident kien qiegħed iġorr materjal ta' terrapien minn Ħal Lija direzzjoni lejn in-Naxxar, u biex jasal in-Naxxar hu għadda mit-telgħa ta' ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. Qal li t-triq li għadda minnha hi wiesgħa biżżejjed sabiex jgħaddu żewġ karozzi f'xi partijiet, filwaqt li f'partijiet oħra t-triq tidjieq. Qal li kien tiela' b'veloċità ta' madwar erbgħin kilometru fis-siegħa, għalkemm it-trakk li kien qiegħed isuq kien vojt. Spjega li f'ħin

[4] *A fol.* 93 tal-proċess.
[5] *A fol.* 113 tal-proċess.

minnhom hu waqqaf it-trakk sabiex jistenna vettura tinżel 'l isfel, u immedjatament warajha ra l-*coach* li waqfet ftit, iżda wara baqgħet nieżla. Ix-xhud qal li hu baqa' wieqaf jara l-*coach* ġejja fid-direzzjoni tiegħu, u dak il-ħin ma kien hemm xejn li hu seta' jagħmel biex jevita li l-*coach* tibqa' dieħla fih. Ix-xhud qal li d-daqqa meta seħħ l-impatt kienet waħda kbira, u l-*coach* baqgħet imkaħħla mat-trakk wara l-ħabta. Żied jgħid li ż-żewġ vetturi ġarrbu ħsarat sostanzjali t-tnejn fin-naħa tax-xufier, tant hu hekk iż-żewġ vetturi ma setgħux jinstaqu wara l-inċident. Ix-xhud qal li bl-impatt inkiser il-*windscreen* tat-trakk, u hu meta niżel mit-trakk mar jassisti lit-tfal li kienu rekbin fil-*coach* biex joħorġu mill-*emergency door.* Qal ukoll li x-xufier tal-*coach* kien maqbud bl-*isteering* fuq siequ, u għalkemm ippruvaw jitfu l-*coach* mill-*emergency switch,* ma rnexxilhomx jagħmlu dan. Żied jgħid li dak il-ħin ix-xufier tal-*coach* ipprova jispjegalu li kienu nqatgħulu l-brejkijiet, u wara hu kellem lis-sid tal-*coach* u lill-mekkanik, li qalulu li dakinhar stess kien sar xogħol fuq il-brejkijiet tal-vettura.

Fl-udjenza tal-25 ta' April, 2017 xehed **Charles Galdes**[6], li qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed isuq *minibus* bin-numru ta' reġistrazzjoni HMY 228, u kien tiela' mit-telgħa tan-Naxxar fil-viċinanzi tal-MCAST, li fiż-żmien tal-inċident kienet triq *two-way.* Ix-xhud spjega li t-triq inkwistjoni hija waħda mserrpa, u dak il-ħin fit-triq ma kienx hemm traffiku. Qal li hu u tiela' ra trakk tal-ġebel wieqaf minħabba li kien hemm karozza li riedet tgħaddi, u hu baqa' jistenna wara t-trakk minħabba li ra li mid-direzzjoni opposta kienet ġejja *coach.* Ix-xhud qal li fil-ħin meta baqa' jistenna lit-trakk jaqla', sema' ħoss ta' daqqa u dak il-ħin it-trakk mexa b'lura u baqa' dieħel fih, tant li t-trakk irnexxielu jdawwar il-*minibus* u jmexxiha distanza ta' madwar erba' piedi. Ix-

[6] *A fol.* 130 tal-proċess.

xhud qal li hu ħareġ mill-vettura tiegħu u avviċina l-*coach,* fejn sema' lix-xufier iwerżaq, u wara xi ġranet kien sar jaf li l-inċident kien seħħ minħabba li l-*coach* inkwistjoni kienu marrulha l-brejkijiet.

L-attur **Emmanuel Camilleri** fl-*affidavit* tiegħu qal[7] li hu s-sid tat-trakk tal-għamla DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni LAN 460, liema trakk jintuża minnu fix-xogħol tal-kostruzzjoni. Qal li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, kien qiegħed isir xogħol ta' skavar fis-sit tal-Hilltop Gardens, fin-Naxxar, u t-trakk inkwistjoni kien qiegħed jintuża mill-impjegat tagħhom Raymond Bonanno, li kien qiegħed jagħmel diversi vjaġġi mis-sit tal-kostruzzjoni lejn barriera fl-Imġarr. L-attur qal li Raymond Bonanno kien ċempel lit-tifel tal-attur sabiex jinfurmah li kien seħħ l-inċident inkwistjoni u hu kien mar fuq il-post tal-inċident minnufih flimkien mat-tifel tiegħu. L-attur spjega li kif waslu fuq il-post sabu li l-*coach* kienet għadha rrejżjata, bid-duħħan ħiereġ minn ġo fiha, u kif ra hekk it-tifel tiegħu ħall il-filter tad-*diesel* sabiex setgħet tintefa' l-magna tat-trakk. L-attur qal li x-xufier tal-*coach* kien għadu maqbud ġewwa, u dan kien qiegħed jgħajjat bl-uġigħ u jgħid li marrulu l-brejkijiet. Żied jgħid li ftit wara l-inċident waslu l-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili li rnexxielhom joħorġu lix-xufier mill-vettura u jeħduh l-Isptar. Kompla jgħid li x-xufier tal-*coach* baqa' dieħel fit-trakk sabiex jevita li jidħol fil-ħajt u biex ma jweġġgħax lit-tfal li kienu rekbin miegħu fil-*coach.* L-attur qal li t-trakk tiegħu ma setax jinstaq u kellu jiġi rmonkat sabiex jittieħed fil-*compound* tal-Pulizija f'Saint Andrews, fejn baqa' miżmum għal perijodu ta' żmien minħabba li aktar tard ġie stabbilit li x-xufier tal-*coach* kien fil-periklu li jitlef ħajtu u għalhekk kellha ssir inkjesta maġisterjali. Qal li wara li t-trakk ġie rilaxxjat mill-Pulizija, hu kien ħadu biex jissewwa anki jekk it-tiswijiet li saru kienu ta' natura temporanja, għax hu kellu

[7] *A fol.* 141 tal-proċess.

bżonn urġenti li juża t-trakk. Kompla jispjega li l-ispiża totali biex jissewwa t-trakk telgħet għal €51,450.68, liema ammont jinkludi l-kiri ta' trakk alternattiv sakemm tlestew ix-xogħlijiet minħabba li hu kellu bżonn trakk biex jaħdem. Qal ukoll li sabiex saru t-tiswijiet temporanji hu ħtieġlu jżarma numru ta' *parts* minn trakk ieħor li huwa kellu u dan minħabba li hu ma kienx f'qagħda li jħallas dawk il-flejjes kollha. L-attur qal li t-trakk inkwistjoni kien inxtara madwar ħames snin qabel l-inċident bil-prezz ta' €130,000, u sa dakinhar li seħħ l-inċident dan kellu *mileage* baxx ħafna. Ix-xhud esebixxa ritratt li juri l-kundizzjoni tal-vetturi involuti f'dan l-inċident mal-ħabta[8], flimkien ma' għadd ta' fatturi u *quotations* dwar l-ispejjeż li kellhom isiru sabiex tissewwa l-ħsara fit-trakk.[9]

Iben l-attur **Norbert Camilleri** fl-*affidavit* tiegħu[10] kkonferma dak kollu li xehed dwaru missieru.

Fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2017 xehed **Joseph Zammit**[11], li kien ġie maħtur bħala espert tekniku fl-inkjesta maġisterjali, li qal li l-inċident seħħ meta *coach* kienet nieżla n-niżla inkwistjoni mingħajr kontroll ta' xejn, u l-inċident seħħ fil-parti d-dejqa tat-triq, meta l-*coach* ħabtet fil-parti frontali tat-trakk. Qal li meta għamel l-analiżi tiegħu, irriżultalu li kien hemm difett fis-sistema tal-*airbrakes* tal-*coach* u kien hemm pajp imxaqqaq li minħabba fih bdiet tintilef l-arja, bir-riżultat li s-sistema tal-brejkijiet tal-*coach* ma baqgħetx taħdem.

[8] *A fol.* 143 tal-proċess.
[9] *A fol.* 144 *et seq.* tal-proċess. L-ispejjeż jammontaw għal €239.95 (UNEC); €12,000 kiri ta' trakk; €2,473.28 xogħol ta' *spraying* tat-trakk; €500 irmonk; €19,000 frejm tal-kabina; €20,208.31 (UNEC għall-*parts*); €2,135.10 fattura u €489 u €134 kwotazzjoni għall-*parts*; għal total ta' €57,179.64, li minnhom trid titnaqqas il-VAT li l-attur qal li hu jieħu rifużjoni tagħha.
[10] *A fol.* 155 tal-proċess.
[11] *A fol.* 162 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **Ellal El Gayouzi**[12], li kien qiegħed isuq il-*coach* inkwistjoni dakinhar tal-inċident, li qal fiż-żmien meta seħħ l-inċident hu kien xufier mal-kumpannija KopTaCo, u kien ilu jagħmel dan ix-xogħol madwar sena u nofs. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, filgħodu kellu jagħmel vjaġġ bit-turisti lejn iċ-Ċirkewwa, u sakemm isirlu l-ħin biex imur jiġbor lit-tfal tal-iskola kien daħħal il-*coach* fil-garaxx. Qal li fil-vjaġġ ta' filgħodu fi triqtu lejn iċ-Ċirkewwa ma kellu l-ebda problema bil-vettura. Kompla jgħid li għall-ħabta tas-sagħtejn ta' waranofsinhar mar jiġbor il-*coach* mill-garaxx li kien San Pawl il-Baħar, u baqa' sejjer lejn l-iskola tan-Naxxar sabiex jiġbor lit-tfal minn hemm. Qal li fin-niżla ra trakk tal-ġebel u rrimarka li trakk bħal dak mhux suppost li jitla' minn dik it-telgħa, u f'ħin minnhom hu pprova jagħfas il-brejk u sab li ma kellux brejkijiet. Ix-xhud qal li l-għażliet li kellu kienu jew li jross mal-blat, f'liema każ kienu se jweġġgħu t-tfal, jew inkella jibqa' dieħel fit-trakk, kif fil-fatt ġara. Ix-xhud qal li konsegwenza ta' dan l-inċident hu weġġa' tant hu hekk li kellu jsirlu intervent f'saqajh. Ix-xhud qal li kien hemm għadd ta' vetturi oħra involuti f'dan l-inċident. Żied jgħid ukoll li dakinhar tal-inċident kienet l-ewwel darba li kellu problema bħal dik bil-brejkijiet. Qal ukoll li meta ħa l-*coach* fil-garaxx, kien sar xi xogħol fuqu mill-mekkanik, għalkemm ma kienx jaf jispjega x'tip ta' xogħol sar fuq il-*coach*. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-unika soluzzjoni li kellu sabiex jevita inċident akbar, kienet li jibqa' dieħel fit-trakk sabiex iwaqqfu hu.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-14 ta' Marzu, 2018, l-attur ippreżenta kopja tal-*proces verbal* mill-atti tal-inkjesta maġisterjali li saret fir-rigward tal-

[12] *A fol.* 165 tal-proċess.

imsemmi inċident[13], flimkien ma' kopja tar-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit, li xehed ukoll f'dawn il-proċeduri. Mill-atti tal-inkjesta jirriżulta li ġie stabbilit li l-inċident seħħ minħabba ħsara fis-sistema tal-arja tal-brejkijiet tal-*coach,* għalkemm għal dan in-nuqqas ma ġiet attribwita l-ebda responsabbilità lix-xufier. Fil-fatt ma ttieħdu l-ebda proċeduri kriminali fil-konfront tal-partijiet.

Fl-udjenza tas-27 ta' April, 2018 reġa' xehed **Joseph Zammit**[14], li b'riferiment għar-rapport li hu ħejja fl-atti tal-inkjesta maġisterjali, qal li d-difett li kien hemm fil-*coach* kien fis-sistema tal-*air brakes* minħabba pajp li kien maqsum u maqrus, u li meta tintilef l-arja l-vettura tiġi fi stat li l-brejkijiet tagħha jillokkjaw. Fi kliem ix-xhud:

> "Meta titbattal l-arja ma jsib xejn. Tibqa' ftit biss sakemm tieqaf l-arja kompletament biex imbagħad il-vettura tillokkja ruħha u ma timxix iżjed."

Ix-xhud qal li minkejja li hu kkonstata li fil-*footbrake* ma kienx hemm arja, madanakollu fil-*handbrake* kien hemm arja, għalkemm żied jgħid ukoll li ma jafx jekk ix-xufier tal-*coach* kellux ħin jaħseb biex juża l-*handbrake.* Ix-xhud qal li tant kienet kbira l-ħsara li kellha l-*coach,* li meta hu mar fuq is-sit ma setax jikkonstata l-*handbrake* tagħha jekk kienx imtella'. Ix-xhud spjega li x-xaqq jew toqba fil-pajp jiżviluppa maż-żmien, bl-istess pressjoni li jagħmel is-sewwieq kull meta jippompja l-pedali biex jorbot. Ix-xhud qal li hu kkonkluda li kien hemm xaqq jew toqba li ħarġet l-arja minnha, u kien dan it-telf tal-arja li wassal biex is-sistema tal-brejkijiet ma tibqax tiffunzjona, u l-inċident seħħ proprju minħabba f'hekk.

---

13 *A fol.* 186 tal-proċess.
14 *A fol.* 236 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **Chris Sant**[15], li qal li hu *sprayer* u jopera taħt l-isem 'Tal-Wardija'. Lix-xhud sarlu riferiment għad-dokument *a fol.* 146 tal-proċess, bil-prezz ikkwotat minnu għax-xogħol ta' *spray* li kien meħtieġ li jsir fuq il-vettura, u kkonferma li l-prezz ta' €2,473.28 li jidher fil-*quotation* esebita, huwa l-prezz ikkwotat minnu għax-xogħol li jrid isir fuq it-trakk tal-attur.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Joe Caruana**[16], li qal li hu jagħti servizz ta' irmonk ta' vetturi bl-isem ta' *Motor Towing Co-Operative,* u in segwitu għall-inċident inkwistjoni, hu kien intalab imur fuq is-sit biex jirmonka t-trakk tal-attur. Ix-xhud ikkonferma l-irċevuta maħruġa minnu b'rabta mal-ħlas għall-imsemmi servizz.

Fl-istess udjenza xehdet **WPS 61 Maria Cuschieri**[17], li qalet li b'kumbinazzjoni wara li kien seħħ l-inċident hija inzertat għaddejja mill-inħawi u rat xi tfal jiġru li qalulha x'kien ġara. Ix-xhud qalet li fl-inċident kien hemm involuta wkoll it-tielet vettura, dik misjuqa minn Charles Galdes li inzerta kien wara t-trakk. Ix-xhud qalet li meta l-Pulizija waslu fuq il-post sabu li kien seħħ impatt qawwi bejn il-*coach* u trakk tal-ġebel, u l-*coach* kienet għadha tinstema' qed taħdem bid-duħħan ħiereġ minnha. Żiedet tgħid li wara xi ħin wasal sid it-trakk, u dan irnexxielu jaqla' l-filter tad-*diesel* sabiex b'hekk intfiet il-magna tal-*coach*. Ix-xhud qalet li b'kumbinazzjoni inzerta għaddej tabib mill-inħawi li ċempel għall-assistenza medika u hi ċemplet għall-għajnuna tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Ix-xhud ikkonfermat li hekk kif ġie stabbilit li x-xufier tal-*coach* kien qiegħed fil-periklu tal-mewt, kienet infetħet inkjesta maġisterjali. Ix-xhud

[15] *A fol.* 245 tal-proċess.
[16] *A fol.* 248 tal-proċess.
[17] *A fol.* 250 tal-proċess.

ikkonfermat ukoll x'kien qal ix-xufier tal-*coach* dwar il-mod kif seħħ l-inċident, li hu baqa' dieħel fit-trakk minħabba li ma żammlux il-*brake.*

Fl-udjenza tas-27 ta' April, 2018 xehed ukoll **Louis Borg**[18], li qal li hu jaħdem bħala mekkanik ma' VZ Lines Limited, kumpannija li tipprovdi servizzi ta' trasport, u f'dan ix-xogħol għandu numru ta' vetturi li jrid jieħu ħsieb jagħmlilhom kemm xogħol ta' tiswija kif ukoll ta' manutenzjoni. Lix-xhud sarlu riferiment għal dak li kien qal lill-espert tal-Qorti Joseph Zammit, li dakinhar filgħodu x-xufier tal-*coach* kien mar fil-garaxx minħabba li kellu problema fil-brejkijiet, u meta investiga x-xhud kien sab li kien hemm ħruġ ta' arja minn x'imkien. Ix-xhud qal li hu kien stabbilixxa li dan il-ħruġ tal-arja kien ġej mid-dijaframma, fil-parti ta' wara tal-vettura, li tkun qisha lasktu li faċli jittaqqab bl-użu. Qal li hu għamel verifiki oħra sabiex jiddetermina li ma kien hemm l-ebda ħruġ tal-arja minn imkien ieħor. Qal li l-arloġġi u l-pompi tal-arja wkoll bdew jindikaw li ma kienx hemm xi telf ieħor ta' arja, u hu lanqas sema' xi ħruġ ta' arja minn imkien. Ix-xhud qal ukoll li manutenzjoni u xogħol ta' iċċekkjar fuq il-vetturi jsir bħala rutina, u qal li kien iċċekkja kienx hemm ħruġ tal-arja madwar sitt jew tmien ġimgħat qabel. Ix-xhud qal li meta hu spezzjona l-*coach* wara l-inċident, kien aċċerta ruħu li din ma kellhiex problemi, lanqas bil-brejkijiet, u anki wara li spezzjona l-vettura fil-preżenza tal-espert tekniku maħtur mill-Qorti, xorta waħda ma rriżultalu l-ebda difett fil-mekkaniżmu tal-*coach*. Qal li l-unika ħaġa li seta' jikkonstata kienet li l-*footbrake* tqaċċat mad-daqqa. Ix-xhud qal li l-pajp bit-*tie clip* miegħu inqaras minnu sabiex setgħet tiġi rmunkata l-*coach,* u kompla jgħid li kieku dan il-pajp tħalla miftuħ, kienet toħroġ l-arja kollha.

[18] *A fol.* 254 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju, 2018 reġa' xehed **Joseph Zammit**[19], li sarlu riferiment għax-xhieda mogħtija minn Louis Borg, u li qal li minn dak li kkonstata hu, il-qarsa kienet fl-aktar pajp li kien jintuża, tant li kien evidenti li dak il-pajp kien inqala' qabel u li sar xi xogħol fuqu. Qal li meta l-*coach* ittieħdet fil-*compound* tal-Pulizija hu kien għamel numru ta' testijiet fuqha sabiex jara l-arja minn fejn kienet ħierġa.

Fl-istess udjenza sar konfront bejn iż-żewġ xhieda **Joseph Zammit** u **Louis Borg**[20], u Joseph Zammit qal li hu qatt ma kien ra lix-xhud Louis Borg qabel. Qal li ma setax jiftakar jekk waqt li kien qiegħed jagħmel it-testijiet fuq il-*coach* Louis Borg kienx preżenti jew le. Louis Borg min-naħa tiegħu qal li hu kien ra lil Zammit kemm fuq il-post tal-inċident kif ukoll fil-*compound* tal-Pulizija u qal li meta saru testijiet fuq il-*coach* fil-*compound* tal-Pulizija, ma jidhirlux li sar xi diskors dwar il-ħruġ tal-arja minn xi pajp. Borg qal li waqt li kienu qegħdin isiru testijiet fuq il-*coach* f'Saint Andrews hu kien informa lil Joseph Zammit li l-qarsa fuq il-pajp kienet saret minnhom, u hawnhekk Zammit wieġeb li hu ma jafx il-qarsa min għamilha jew meta saret minħabba li meta hu mar fuq il-post tal-inċident fin-Naxxar kien sab li din kienet diġà hemm. Joseph Zammit qal li stabbilixxa b'ċertezza li kien hemm il-ħruġ tal-arja meta spezzjona l-*coach* fil-*compound* tal-Pulizija, filwaqt li meta mar fuq il-post tal-inċident fin-Naxxar kien sab li l-pompa tal-*master cylinder* kienet imqaċċta bil-pajpijiet qegħdin sospiżi fl-arja, u l-qarsa li nstabet ġiet skoperta waqt ix-xogħol li kien qiegħed isir f'Pembroke. Zammit ċaħad li f'xi ħin hu kkummenta dwar jekk kienx hemm xi ħaġa ħażina jew le fis-sistema tal-arja, għalkemm qal li fil-fatt sab li kien hemm problema fis-sistema tal-arja. Louis

[19] *A fol.* 269 tal-proċess.
[20] *A fol.* 272 tal-proċess.

Borg min-naħa tiegħu baqa' jinsisti li t-*tie clips* u l-qarsa saru sabiex il-*coach* setgħet tiġi rmunkata.

Fl-istess udjenza sar konfront bejn ix-xhieda **Joseph Zammit, Louis Borg** u **Joe Caruana**[21], fejn Joe Caruana kkonferma li kien hu l-persuna li rmonka l-*coach* min-Naxxar lejn Saint Andrews. Qal li s-soluzzjoni li nstabet kienet li l-*coach* tintrabat mat-*tow truck* minn wara sabiex jiġi eliminat il-periklu minħabba li n-niżla hija wieqfa. Qal li xħin instab il-pajp li jagħti għall-*foot valve* li kien għadu ppressat bl-arja, dan kellu jinqata' u jiġi mblukkat sabiex xħin tiddaħħal l-arja din ma terġax toħroġ. Kien hawnhekk li intervjena x-xhud Joseph Zammit li spjega li l-pajp li kien qiegħed jirreferi għalih Caruana mhux l-istess pajp ta' mal-pompa. Joseph Zammit qal li hu żgur hu li l-impatt seħħ minħabba fi ħsara li żviluppat fis-sistema tal-brejkijiet, minħabba li x-xufier ma sabx arja meta għafas il-*brake,* u għalhekk ma setax jikkontrolla l-*coach.* Joseph Zammit qal li l-brejkijiet tal-*coach* ma kinux marru għalkollox minħabba li kieku ġara hekk, il-vettura kienet tillokkja kompletament u ma timxix aktar. Qal ukoll li sa ftit qabel, il-brejkijiet kienu għadhom qegħdin jaħdmu minħabba li fil-bidu tat-triq irriżulta li l-*coach* kienet waqfet.

Fl-istess udjenza xehed **Gilbert Bonnici**[22], li qal li hu direttur tas-soċjetà UNEC, United Equipment Company Limited, u li t-trakk tal-għamla DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni LAN 460 appartenenti lill-attur kien inxtara mingħandhom għall-ħabta tas-sena 2007 jew 2008. Ix-xhud ikkonferma li l-kopji tal-irċevuti u fatturi esebiti fl-atti ta' dan il-proċess inħarġu mill-kumpannija rappreżentata minnu, u li kienet intalbet *quotation* mis-sid tat-trakk minħabba li t-trakk kien

[21] *A fol.* 278 tal-proċess.
[22] *A fol.* 287 tal-proċess.

sofra ħsara f'inċident tat-traffiku. Ix-xhud ikkonferma li min-naħa tal-kumpannija rappreżentata minnu kien sar xi xogħol temporanju sabiex it-trakk seta' jiffunzjona fil-frattemp.

Permezz ta' nota tas-6 ta' Ġunju 2018, l-attur ippreżenta kopja tal-fattura maħruġa fir-rigward tal-akkwist tat-trakk tal-għamla DAF Tipper Truck CF85, minn fejn jirriżulta li dan inxtara minnu fit-8 ta' Marzu, 2008 mingħand UNEC Limited bil-prezz ta' €142,931.04.[23]

Fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2018 xehed **Dr Roberto Debono**[24] li qal li dakinhar tal-inċident hu inzerta għaddej mill-inħawi viċin iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, meta ra trakk tiela' min-naħa ta' Ħal-Lija lejn in-Naxxar, u hu għadda minn biswitu, u fi triqtu anki ra l-*coach.* Ix-xhud qal li ftit tal-mumenti wara sema' ħoss qawwi, u meta ħares fir-*rear view mirror* ra li kien hemm ħabta u ħassu fid-dmir bħala tabib li jieqaf u jara x'kien ġara. Qal li xħin ħares lura ra l-*windscreen* tal-*coach* jitgħawweġ. Ix-xhud qal li waqt li kien qiegħed joffri l-assistenza medika fuq il-post, kien sema' diskors fis-sens li s-sewwieq tal-*coach* sab li kienu marrulu l-brejkijiet.

Fl-istess udjenza xehed **David Gatt**[25], li jaħdem bħala burdnar, u li kkonferma li huwa kien kera trakk lill-attur bil-prezz ta' tnax-il elf Euro (€12,000). Qal li t-trakk kien inkera għal perijodu ta' erbgħin (40) ġurnata ta' xogħol.

**Louis Borg**, mekkanik impjegat mas-soċjetà VZ Lines Limited, fl-*affidavit* tiegħu qal[26] li l-*coach* bin-numru ta' reġistrazzjoni LCY 951 iddaħħal fil-garaxx

[23] *A fol.* 291 tal-proċess.
[24] *A fol.* 297 tal-proċess.
[25] *A fol.* 300 tal-proċess.
[26] *A fol.* 307 tal-proċess.

tal-kumpannija f'San Pawl il-Baħar fit-13 ta' Mejju, 2013 (sic) għax ix-xufier tal-*coach* kien qal li sema' xi arja ħierġa mill-parti ta' wara tal-vettura, u kien għalhekk li x-xhud għamel spezzjoni fuq il-parti ta' wara tal-*coach,* minn fejn irriżultalu li waħda mill-*ispring brakes* tar-rota ta' wara tal-*coach* kellha xi arja ħierġa minnha. Żied jgħid li kien għalhekk li huwa biddel id-dijaframma sabiex iwaqqaf il-ħruġ tal-arja, u wara kien ipprova l-vettura huwa stess sabiex jiżgura li qiegħda taħdem tajjeb. Qal li dak il-ħin hu vverifika li ma kienx hemm aktar *leaks* u għalhekk informa lix-xufier li l-vettura setgħet terġa' tinstaq. Ix-xhud qal li l-pajp li ssemma' fil-kawża u li kien fil-parti ta' quddiem tal-*coach* kien inqaras u marbut bi *clip* minn rappreżentant tal-MTC sabiex il-*coach* setgħet tiġi rmonkata.

Ix-xhud **George Farrugia** fl-*affidavit* tiegħu[27] spjega li hu direttur tas-soċjetà Handson Systems Limited (C 50462), li topera fis-settur tal-informatika u speċifikament fis-sistema tat-*tracking* tal-movimenti ta' vetturi, fejn intalab jintraċċa l-movimenti tal-*coach* involuta fl-inċident inkwistjoni. Qal li l-*coach* kienet mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ permezz ta' apparat informatiku mgħammar b'teknoloġija GPS, li jittrażmetti kemm il-pożizzjoni kif ukoll il-veloċità tal-vettura inkwistjoni. Ix-xhud esebixxa rapport dettaljat[28] bil-movimenti tal-vettura inkwistjoni fil-ġurnata li seħħ l-inċident, mill-ħin tas-13.50, li hu l-ħin li fih il-vettura nħarġet mill-garaxx tas-soċjetà VZ Lines Limited sal-ħin li fih seħħ l-inċident fis-14:50:39. Qal li mill-kostatazzjonijiet li hu għamel, seta' jistabbilixxi li s-sewwieq tal-vettura dejjem żamm mal-limiti tal-veloċità għaż-żoni li kien qiegħed isuq fihom, u l-veloċità tal-vettura bdiet iżżid jew tnaqqas f'temp ta' ftit sekondi, li hu fattur li jindika li l-veloċità

[27] *A fol.* 308 tal-proċess.
[28] *A fol.* 310 *et seq.* tal-proċess.

tnaqqset permezz tal-*footbreak* u mhux bl-*engine break.* Ix-xhud qal li hu seta' jistabbilixxi wkoll li ftit tal-mumenti qabel seħħ l-inċident, il-vettura seħħilha tieqaf għal ftit sekondi, u fil-ħin tal-impatt din kienet nieżla b'veloċità ta' 31 kilometru fis-siegħa.

**Kevin Vella**, direttur ta' VZ Lines Limited, fl-*affidavit* tiegħu qal[29] li s-soċjetà rappreżentata minnu topera fil-qasam tat-trasport bil-*coaches* u *minibuses,* u hu rappreżentant ukoll tal-kooperattiva KopTaCo. Ix-xhud qal li l-*coaches* kollha tas-soċjetà rappreżentata minnu jiddaħħlu għal spezzjoni ta' rutina kull sitta jew tmien ġimgħat, u x-xogħol isir minn ħaddiema mħarrġa fil-mekkanika li huma impjegati mal-kumpannija stess. Ix-xhud qal li l-*coach* inkwistjoni ddaħħal fil-garaxx tal-kumpannija minħabba li s-sewwieq tiegħu ilmenta minn ħsejjes li beda jisma', u dakinhar kellu jsib xufier u vettura oħra sabiex ikopru x-xogħol li ma setax isir bil-vettura inkwistjoni. Qal li kien kmieni wara nofsinhar li hu ġie mgħarraf li l-*coach* seta' jerġa' jintuża u għalhekk hu reġa' bagħat il-*coach* fuq ir-rotot skedati tiegħu. Ix-xhud qal li hu ġie infurmat bl-inċident mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u meta wasal fuq is-sit ra l-vetturi maħbutin filwaqt li t-tfal li kienu rekbin bħala passiġġieri kienu nħarġu u reġgħu ttellgħu l-iskola. Ix-xufier tal-*coach* kien għadu maqbud fil-kabina, u kienet inbdiet il-ħidma biex dan jinħareġ mill-vettura. Ix-xhud ikkonferma li l-*coach* kienet assigurata mas-soċjetà Untours Insurance Agency Limited, u hu kien fetaħ *claim* wara dan l-inċident. Ix-xhud qal li meta hu tkellem max-xufier tal-*coach* dan kien qallu li huwa u jsuq lejn in-Naxxar ma kellu l-ebda problema, u li tul il-vjaġġ hu kien waqaf diversi drabi jew naqqas mill-veloċità. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li x-xogħol li sar fuq il-*coach* dakinhar stess filgħodu sar fuq il-parti ta' wara tagħha u mhux ukoll fuq il-parti ta' quddiem.

[29] *A fol.* 322 tal-proċess.

Il-kontroeżami ta' **Kevin Vella** sar waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2019[30] fejn dan qal li hu kien ġie infurmat li l-*coach* seta' jerġa' jintuża dakinhar stess li saru t-tiswijiet fuqu mill-mekkanik Louis Borg. Ix-xhud speċifika li filwaqt li l-*coach* inkwistjoni hija proprjetà ta' VZ Lines Limited, li hija kumpannija tiegħu u tal-familja tiegħu, huma membri tal-kooperattiva bl-isem KopTaCo. Qal li x-xufier tal-*coach* involuta fl-inċident huwa impjegat ta' VZ Lines Limited. Ix-xhud ikkonferma wkoll li minkejja li hu ma kienx preżenti fil-ħin li fih kienu qegħdin isiru t-tiswijiet fuq il-vettura, madanakollu hu kien ikkonferma mal-mekkanik li ħadem fuqha li t-tiswijiet saru fuq il-mekkaniżmu fil-parti ta' wara tagħha u mhux fil-parti ta' quddiem.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Fl-ewwel lok il-Qorti trid tevalwa l-provi kollha mressqa quddiemha sabiex tiddetermina min mill-konvenuti għandu jinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni, u dan wara li ġie ampjament ippruvat u ma ġie bl-ebda mod ikkontestat li ma kien hemm l-ebda responsabbilità da parti tal-attur jew tax-xufier tat-trakk tiegħu għall-inċident mertu tal-kawża. Inoltre xhud okulari li kien fuq il-post tal-inċident, ċertu Charles Galdes li kien qiegħed isuq *mini-van* li inzerta wieqaf wara t-trakk tal-attur, xehed li s-sewwieq tat-trakk kien wieqaf kompletament fil-ħin tal-inċident, jistenna lill-*coach* tinżel. Di più fil-ħin tal-inċident it-trakk tal-attur kien fil-karreġġjata li suppost kien fiha, meta baqgħet dieħla fih il-*coach* proprjetà ta' VZ Lines Limited. Mill-provi li ġew imressqa quddiem il-Qorti, jirriżulta ampjament ippruvat li l-attur sofra ħsarat konsiderevoli fit-trakk tiegħu li jintuża fix-xogħol tal-kostruzzjoni, li fil-ħin tal-

[30] *A fol.* 325 tal-proċess.

inċident kien qiegħed jinstaq minn impjegat tal-attur. Mill-provi jirriżulta li l-imsemmi inċident seħħ meta *coach* li kienet nieżla minn Triq G. Stivala fin-Naxxar, kellha ħsarat tekniċi li wasslu biex is-sistema ta' brejkijiet ma ħadmitx u dak il-ħin ix-xufier tal-*coach* li kien qiegħed iġorr numru ta' studenti, kellu l-għażla li jew jibqa' dieħel f'ħajt mal-ġenb tat-triq, liema ħajt għandu l-blat imqabbeż 'il barra, u minħabba f'hekk setgħu jweġġgħu serjament it-tfal li kellu rekbin miegħu, jew inkella jibqa' dieħel fit-trakk sabiex b'hekk iwaqqaf il-*momentum* li qabdet il-*coach* xħin sabet ruħha fin-niżla, bis-sistema tal-brejkijiet li għal xi raġuni ma ħadmitx.

Il-partijiet konvenuti iżda ħadu pożizzjonijiet differenti fid-difiża tagħhom għat-talbiet tal-attur. Is-soċjetà konvenuta Untours Agency Limited eċċepiet li ladarba l-*coach* instaqet bi ħsarat jew b'difetti fiha, dan ifisser li l-polza tal-assigurazzjoni li tkopri l-vettura u lis-sewwieq m'għadhomx validi minħabba li l-*coach* instaqet bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza. Il-konvenuti VZ Lines Limited u KopTaCo Coaches Co-Op Limited eċċepew li mhux minnu li l-*coach* inkwistjoni kellha xi difett, u l-inċident seħħ biss minħabba negliġenza tas-sewwieq, mingħajr ma indikaw b'liema mod din in-negliġenza ġiet manifestata. Is-soċjetajiet konvenuti, is-sid u l-operatur tal-*coach* inkwistjoni, eċċepew li s-sistema tal-brejkijiet tal-vettura kienet taħdem fil-ħin meta seħħ l-inċident, u l-ħsarat li rriskontra l-espert tekniku Joseph Zammit appuntat fl-inkjesta maġisterjali sabiex jeżamina l-vettura wara l-inċident, kienu konsegwenza diretta tal-inċident u mhux il-kawża tiegħu.

Il-Qorti evalwat ix-xhieda mogħtija f'din il-kawża, liema xhieda f'waqtiet kienet inkonsistenti u konfliġġenti, bl-espert tal-Qorti Joseph Zammit jasal għal konklużjonijiet li huma opposti għal dawk li wasal għalihom il-mekkanik

Louis Borg, impjegat tas-soċjetà konvenuta VZ Lines Limited, li kien ħadem fuq il-*coach* inkwistjoni qabel l-inċident u kien sewwa xi ħsarat li hu rriskontra fid-dijaframma tal-vettura, u li baqa' jsostni li l-inċident inkwistjoni ma seħħx minħabba f'xi ħsara teknika fil-vettura, iżda minħabba negliġenza tax-xufier. Joseph Zammit baqa' konsistenti fil-verżjoni li ta, jiġifieri li s-sistema ta' brejkijiet falliet għad illi sa ftit tal-ħin qabel kienet qiegħda taħdem, u dan ġara minħabba li kien hemm xi qarsa jew xaqq f'pajp tal-arja li wassal biex is-sistema tal-brejkijiet tal-*coach* waqfet ħesrem minħabba li l-arja kienet ilha ħierġa ftit ftit. L-espert Vincent Ciliberti wkoll kien ta' din il-fehma għar-rigward tad-dinamika ta' kif seħħ l-inċident.

Min-naħa l-oħra, ix-xhud Louis Borg, impjegat mas-soċjetà konvenuta VZ Lines Limited, kien il-persuna li sa ftit sigħat qabel seħħ dan l-inċident kien għamel xogħol ta' manutenzjoni u tiswija fuq il-*coach* inkwistjoni wara li s-sewwieq tagħha kien ilmenta minn sensazzjoni ta' ħruġ ta' arja. Ix-xhud qal li mit-testijiet li huwa għamel fuq il-vettura, kien stabbilixxa li l-arja kienet ħierġa mill-parti ta' wara tal-vettura, u kien għalhekk li biddel id-dijaframma tagħha, iżda speċifika wkoll li wara li għamel it-testijiet meħtieġa sabiex jara jekk il-ħsara kinitx issewwiet kollha, kien ikkonkluda li l-ħsara li kien hemm fuq il-vettura kienet ġiet irranġata u li ma kinitx għadha ħierġa l-arja, tant hu hekk li ċċertifika li l-*coach* inkwistjoni setgħet terġa' tintuża fis-servizz. Id-difiża tas-soċjetà VZ Lines Limited qua sid tal-*coach* inkwistjoni hija li l-vettura tagħha kienet fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, tant hu hekk li mill-informazzjoni dettaljata mogħtija dwar il-movimenti kollha tal-*coach* mill-ħin meta din inħarġet mill-garaxx tas-soċjetà konvenuta sal-ħin meta seħħ l-inċident, jidher li din il-vettura twaqqfet jew tnaqqsitilha l-veloċità diversi drabi tul il-vjaġġ u dan għalhekk ifisser li s-sistema tal-brejkijiet tagħha kienet qiegħda taħdem.

Minkejja din l-insistenza min-naħa tagħhom, is-soċjetajiet konvenuti naqsu milli jagħtu spjegazzjoni plawsibbli dwar ir-raġuni għalfejn seħħ l-inċident inkwistjoni, stante li mill-provi inkonfutabbli li ġew imressqa, jirriżulta li l-*coach* ġiet misjuqha l-ħin kollu entro l-limiti tal-veloċità stabbiliti għal kull parti tal-vjaġġ, u anki meta kien hemm l-impatt mat-trakk, il-veloċità li l-*coach* niżlet biha kienet ta' ftit aktar minn tletin kilometru fis-siegħa. Inoltre s-soċjetà VZ Lines Limited ippruvat tixħet dubji dwar il-kredibbilità tal-espert tekniku Joseph Zammit maħtur fl-inkjesta maġisterjali, meta qalet li t-*tie clips* li kkawżaw qarsa jew xaqq fil-pajp kienu saru wara l-inċident sabiex il-*coach* setgħet tiġi rmunkata, u għalhekk ma kien hemm l-ebda xaqq li kkawża telf ta' arja li wassal biex is-sistema tal-brejkijiet tfalli u b'hekk seħħ l-inċident.

Il-Qorti però mhijiex konvinta minn din l-ispjegazzjoni u dan għaliex jidher ċar mix-xhieda mressqa mis-soċjetajiet konvenuti, li kien hemm min kellu interess li ma jgħidx il-fatti kif ġraw. Għal xi raġuni s-sewwieq tal-*coach* Ellal El Geyouzi xehed, minkejja li l-fatti kif ġraw juru mod ieħor, li hu ma kellu l-ebda problema bil-*coach* meta wassal numru ta' turisti lejn iċ-Ċirkewwa aktar kmieni dakinhar filgħodu, u kien daħħal il-vettura fil-garaxx tas-soċjetà konvenuta sabiex ma jħallihiex ipparkjata barra sakemm isirlu l-ħin għall-vjaġġ li jmiss. Il-mekkanik Louis Borg min-naħa tiegħu kkontradixxa dak li qal ix-xufier tal-vettura billi qal li meta l-*coach* ittieħdet fil-garaxx, ix-xufier beda jilmenta minn sensazzjoni ta' telf ta' arja, u meta hu spezzjona l-vettura, sab illi l-arja kienet ħierġa mill-parti ta' wara tal-vettura u mhux mill-parti ta' quddiem. Wara li sewwa d-dijaframma Louis Borg għamel numru ta' testijiet oħra sabiex jistabbilixxi jekk kienx il-każ li seta' kien hemm ħruġ ta' arja minn xi mkien ieħor, xi ħaġa li ma rriżultatlux dak il-ħin, u għalhekk hu informa lil

KopTaCo Coaches Co-Op Limited li l-vettura setgħet terġa' tintuża għas-servizz.

Jirriżulta wkoll li minkejja d-diversi stqarrijiet li saru minn esponenti tas-soċjetà konvenuta li l-vetturi tagħha jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u jsiru tiswijiet fuqhom fuq bażi regolari, il-*coach* inkwistjoni sofriet il-ħsara fis-sistema tal-brejkijiet tagħha proprju fl-ewwel vjaġġ li għamlet wara li ġiet spezzjonata minn mekkanik impjegat tas-soċjetà konvenuta u kienu sarulha xi tiswijiet. Il-Qorti tqis illi l-fatti kif ġraw jindikaw li jew ix-xogħol ta' tiswija li sar fuq il-*coach* aktar kmieni dakinhar filgħodu ma kienx suffiċjenti biex din setgħet titqies li kienet sigura u li setgħet tintuża, jew inkella l-mekkanik naqas milli jsewwi proprju l-parti tal-vettura li kellha l-ħsara, tant hu hekk dan xehed li huwa kien għamel tiswijiet fil-parti ta' wara tal-vettura u ma bidel jew irranġa xejn mill-parti ta' quddiem tagħha, li hija l-parti li skont l-espert tal-Qorti Joseph Zammit kellha d-difett li wassal għall-falliment tas-sistema tal-brejkijiet tal-vettura. Hu kollu immaterjali dak li ntqal li ma jistax ikun li kien hemm xi difett pre-eżistenti minħabba li l-vettura kienet qiegħda taħdem tajjeb sa ftit qabel. Ix-xhud Joseph Zammit spjega tajjeb kif it-telf tal-arja ma jiġrix f'mument, iżda l-arja tkun ilha ħierġa ftit ftit, sakemm is-sistema ta' brejkijiet tfalli kompletament. Huwa proprju dan id-difett li ġie injorat mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta, li wassal għall-inċident inkwistjoni u għall-konsegwenzjali ħsara sofferta mill-attur fit-trakk tiegħu.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-attur seħħlu jipprova li d-danni pretiżi minnu huma tabilħaqq danni li huwa sofra, kemm għal dak li huwa l-valur tat-trakk, li kif xehed l-attur ma kienx ilu ħafna li nxtara, kif ukoll għar-rigward tad-diversi persuni li taw ix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti li għamlu xogħlijiet ta'

tiswija fuq it-trakk jew li pprovdew *quotations* b'rabta mat-tiswijiet meħtieġa fuq it-trakk. Inoltre lill-Qorti jirriżultalha li s-somma totali tal-ispejjeż li saru jew li kienu meħtieġa jsiru sabiex jissewwa t-trakk tammonta għal €57,179.64[31], iżda jrid ikun hemm aġġustament sabiex titnaqqas it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li skont l-attur għandu dritt jieħu rifużjoni tagħha. B'hekk jirriżulta ppruvat li d-danni materjali sofferti mill-attur jammontaw għal €51,450.68, liema danni għandhom jagħmlu tajjeb għalihom *in solidum* s-soċjetajiet konvenuti Untours Insurance Agents Limited, VZ Lines Limited u KopTaCo Coaches Co-Op Limited li bħala kooperattiva li kienet qiegħda tagħmel użu minn vetturi ta' terzi sabiex tkun tista' tforni servizz, kellha obbligu li tassigura li l-vetturi li tpoġġew għad-dispożizzjoni tagħha sabiex jipprovdu servizz lill-pubbliku jkunu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ħielsa minn kull difett.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetajiet konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti VZ Lines Limited, KopTaCo Coaches Co-Op Limited u Untours Insurance Agency Limited għandhom jinżammu responsabbli *in solidum* bejniethom għall-inċident mertu tal-**

[31] Total tal-irċevuti u fatturi li jinsabu *a fol.* 144, 145, 146, 147, 148, 149, 152 u 152 tal-proċess.

**kawża u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-imsemmi incident ġarrab l-attur, liema danni qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €51,450.68;**

**3. Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti VZ Lines Limited, KopTaCo Coaches Co-Op Limited u Untours Insurance Agency Limited iħallsu *in solidum* bejniethom lill-attur is-somma komplessiva ta' wieħed u ħamsin elf, erba' mija u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€51,450.68) hekk likwidata.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetajiet konvenuti VZ Lines Limited, KopTaCo Coaches Co-Op Limited u Untours Insurance Agency Limited *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.